## B.7 IL-KUMITATI TA' TĦEJIJJA

## WERREJ


**7.1 Il-Kumitati ta' Tagħlim**

7.1.1 Regolament Intern tal-Kumitat Pedagoġiku

7.1.2 Anness għar-Regoli ta' Proċedura

**7.2 Il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju**

# B.7 IL- KUMITATI TA' TĦ EJIJJA

# 7.1 IL- KUMITATI TAT-TAGĦLIM

### 7.1.1 Regolament Intern tal-Kumitat Pedagoġiku[1]

B'konsiderazzjoni tar-Regolament Intern tal-Bord ta' Tmexxija,

il-Kumitat Pedagoġiku

approva

r-regoli preżenti dwar it-tħaddim tat-tliet formazzjonijiet tiegħu:

- il-Kumitat Pedagoġiku tal-Kindergarten u l-Primarja
- il-Kumitat Pedagoġiku tas-Sekondarja
- il-Kumitat Pedagoġiku Mħallat

minn hawn 'il quddiem riferiti bħala "il-Kumitati Pedagoġiċi".

**Artikolu 1**

B'konformità ma' l-Artikolu 11 tar-Regolament Intern tal-Bord ta' Tmexxija, il-Kumitati Pedagoġiċi għandhom l-għan li jħejju d-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija billi jiddiskutu l-kwistjonijiet u l-proposti li jitressqu quddiemhom b'mod li jwasslu jekk jista' jkun għall-unanimità bejn il-membri jew, jekk dan mhux possibbli, għad-diskussjoni ta' l-opzjonijiet differenti.

Għal dan l-għan, dawn iħejju:

- il-proposti marbuta mal-programmi u l-orarji armonizzati ta' kull sena ta' studju;
- il-proposti annwali marbuta mal-ħolqien u t-tneħħija ta' postijiet bl-għan tat-tħaddim tajjeb ta' lskejjel;
- il-proposti marbuta mal-kwistjonijiet pedagoġiċi kollha mressqa quddiemhom.

**Artikolu 2**

Il-Kumitati Pedagoġiċi huma komposti skond il-formazzjoni li jiltaqgħu fiha:

- mill-Ispetturi tal-Kindergarten/Primarja u/jew is-Sekondarja li jirrappreżentaw lill-Istati Membri;
- mir-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej;
- minn rappreżentant ta' l-Uffiċċju Ewropej tal-Liċenzji għall-kwistjonijiet marbuta ma' l-Iskola Ewropea ta' Munich;
- rappreżentant jew tnejn tal-ġenituri;
- rappreżentant jew tnejn tal-kumitat tal-personal.

B'konformità ma' l-Artikolu 11 tar-Regolament Intern tal-Bord ta' Tmexxija, kull membru tal-Kumitati Pedagoġiċi (l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-U.E.L., il-ġenituri, is-C.D.P.) għandu vot wieħed. Id-dritt ta-vot jaqa' taħt l-istess restrizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija (Artikolu 9.1.d. tal-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut ta' l-Iskejjel Ewropej).

Dawn li ġejjin jieħdu sehem fil-laqgħat bħala osservaturi:

[1] 2005-D-137-mt-4 - Approvat mill-Bord ta'Tmexxija ta' l-Iskejjel Ewropej waqt il-laqgħa tal-31 ta' Jannar u l-1 ta' Frar 2006

- id-Diretturi ta' l-Iskejjel Ewropej u/jew l-Assistenti-Diretturi;
- żewġ rappreżentanti ta' l-istudenti (fil-Kumitat Pedagoġiku tas-Sekondarja u l-Kumitat Pedagoġiku Mħallat);
- bi ftehim konġunt bejn il-President u s-Segretarju-Ġenerali, jistgħu jkunu mistiedna parteċipanti oħra għal punti speċifiċi li jkunu fuq l-aġenda.

**Artikolu 3**

Kull kumitat pedagoġiku hu presedjut mill-Ispettur jew l-Ispetturi li jkunu responsabbli mill-Presidenza tal-Bord ta' Spezzjoni korrispondenti.

Il-Presidenti jattendu għal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija. L-Ispetturi li jkunu responsabbli mill-Presidenza matul is-sena skolastika preċedenti jippreżentaw rapport tal-ħidma tal-Bord ta' Spezzjoni u tal-Kumitati Pedagoġiċi ta' matul il-mandat tagħhom waqt il-laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija ta' Jannar.

**Artikolu 4**

Il-Kumitati Pedagoġiċi tal-Kindergarten/Primarja u s-Sekondarja jiltaqgħu separatament fuq sejħa tal-President tagħhom jew tas-Segretarju-Ġenerali ta' l-Iskejjel Ewropej ta' l-anqas darbtejn matul kull sena skolastika, fil-prinċipju f'Marzu u f'Novembru.

Barra minn hekk, huma jiltaqgħu flimkien ta' l-anqas darbtejn matul kull sena skolastika (Kumitat Pedagoġiku Mħallat) biex janalizzaw problemi komuni għaċ-ċikli differenti tat-tagħlim.

**Artikolu 5**

L-abbozz ta' l-aġenda proposta għal-laqgħat tal-Kumitat Pedagoġiċi ssir bi ftehim komuni bejn il-President u s-Segretarju-Ġenerali. Dawn għandhom jintbagħtu lill-parteċipanti ta' l-anqas ħmistax qabel id-data proposta għal-laqgħat.

L-abbozz ta' l-aġenda jista' jkun emendat jew kompletat fil-bidu tal-laqgħa, fuq talba ta' wieħed mill-membri, b'deċiżjoni tal-membri preżenti meħuda b'maġġoranza sempliċi.

**Artikolu 6**

Is-Segretarju-Ġenerali u/jew l-assistent tiegħu jieħ(d)u sehem fil-laqgħat tal-Kumitati Pedagoġiċi. Hu(ma) jista'/jistgħu jippreżenta(w) xi osservazzjonijiet li jitniżżlu fil-minuti tal-laqgħa.

**Artikolu 7**

Is-segretarjat tal-laqgħat tal-Kumitati Pedagoġiċi u l-kitba tal-minuti huma r-responsabbiltà tas-Segretarju-Ġenerali.

**Artikolu 8**

L-opinjonijiet u/jew il-proposti tal-Kumitati Pedagoġiċi huma milħuqa b'konsensus. Dawn jintbagħtu lill-Bord ta' Tmexxija. Fil-każ ta' bżonn, opinjonijiet u/jew proposti diverġenti huma mniżżla wkoll u jintbagħtu, fuq talba ta' dawk interessati, lill-Bord ta' Tmexxija.

**Artikolu 9**

Id-Diretturi jipprovdu lill-Kumitati Pedagoġiċi bl-informazzjoni kollha li tista' tiffaċilita t-twettiq tal-ħidma tagħhom. Partikolarment, huma jirrappurtaw lilhom lill-Kumitati dwar il-ħtiġijiet ta' l-għalliema.

### 7.1.2 Anness għar-Regoli ta' Proċedura

Meta jattendu għal-laqgħat regolari tal-Kumitati tat-Tagħlim, il-membri huma ntitolati għal ħlas lura ta' spejjeż ta' l-ivvjaġġar u *per diem*, kif hemm preskritt fir-Regolamenti approvati mill-Bord ta' Gvernaturi.

## 7.2 IL-KUMITAT AMMINISTRATTIV U FINANZJARJU

Ir-Regoli ta’ Proċedura tal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju jinsabu fil-fażi ta’ tħejjija.